IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 - IT-TLIETA 13 TA' AWWISSU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18.00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* inkluż fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-minuti ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Cuomo. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3 Arising minn min 3.5 tal-minuti preċedenti, il-Kunsillier Brincat staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand il-ministru. Is-SE infurmah li r-risposta waslet il-ġurnata ta' qabel.

2.4 Arising minn min 3.9 – il-Kunusillier Brincat ikkonferma li din kienet ġiet approvata fil-Kumitat tal-Finanzi.

2.5 Arising minn min 9.2 – il-Kunsillier Gatt talab kjarifika dwar dan il-punt. Is-SE infurmah qed jiġi evalwat il-kuntratt biex il-Kunsill ma' jidħolx fi spejjeż bla bżonn.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku kkomunikat mal-Kunsill dan li ġej;

3.2 Fl-20 ta' Lulju ġiet organizata *career day* fl-oratorju tan-Naxxar mill-kumpanija Y Limited flimkien mal-Kunsill. Jidher li kien hemm interess kbir.

3.3 Fit-23 ta' Lulju flimkien mal-Kunsill kollu kienet mistiedna għall-ftuħ uffiċjali taċ-*child care centre*, Dawra Durella.

3.4 Fil-5 ta' Awwissu kellha laqgħa mal-koordnatur tal-proġett Admin4All. Il-Koordinatur spjegat x'jinvolvi l-proġett li essenzjament huwa taħriġ għall-kunsill kif jitrattaw aħjar mal-immigranti.

3.5 Fil-5 ta' Awwissu wkoll, hija flimkien mas-SE kellhom laqgħa ma' uffiċjali ta' TM dwar il-każ tal-un/loading fi Triq San Pawl. Hija infurmat li l-problema maġġuri hija il-post taz-zebra crossing. Appena ikun konfermat il-post TM jagħmlu x-xogħol kollu relatat biex tkun aċċessibli u sigura. TM lesti jikkonsidraw li jagħmlu sistema ta' pellican lights.

3.6 Fis-7 ta' Awwissu hija kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. F'din il-laqgħa kien diskuss; 1. il-possibilta' ta' sejħa għall-offerti għal-ġbir ta' skart tal-ġonna. 2. Tfassli ta' bye-law dwar siġar privati li jesporġu l-barra fil-pubbliku. 3. Blood donation day fis-6 ta' Ottubru fil-Qawra. 4. Tours organizzati f'postijiet ta' interess fir-reġjun. 5. Organizzazjoni tal-Choir Festival. 6. Talba għal grupp ta' ħaddiema tal-IPSL. 7. Sejħa għal proposti għal EU Officer. 8. Offerta mill-organizzazjoni "Why not?" għal-għoti ta' siġar indiġeni, bil-kundizzjoni li l-Kunsill jieħu ħsiebhom għal mill-inqas sentejn.

3.7 Fit-8 ta' Awwisu kellha laqgħa ma' kumpanija li toffri sistema ta' pavimentar li jixgħel. Minħabba li diffiċli wieħed jifhem il-kunċett, hija talbet biex dan il-prodott jiġi muri lill-Kunsillier kollha waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

3.8 Fid-9 ta' Awwissu kellha laqgħa ma delegazzjoni ta' żviluppatur dwar parti mill-proġett tat-Trade Fair Grounds, fejn sostnew li l-Kunsill jista' jkun li mhux infurmat biżżjed dwar l-idea tal-proġett. Dan għaliex huma qed isostni li skont il-pjan lokali għandhom dritt li jibnu firxa ikbar ta' bini skont l-għoli stabbilit filwat li huma jemmnu li jkun ta' benefiċċju akbar għal kulħadd li jibnu firxa ħafna inqas u jgħollu aktar il-bini. Se jkun hemm laqgħa bejn il-periti tagħna tagħhom dwar dan.

3.9 Fid-9 ta' Awwisu wkoll hija kellha laqgħa ma' IOT Solutions dwar sensors li jistgħu jintużaw kemm għal-parkeġġ u kemm għal-*litter bins*.

3.10 Il-Kunsill se japplika taħt l-iskema tac-CIES għal impjegat/a b' diżabbilita'. L-ammont ta' dawn l-impjegati huwa limitat ħafna.

3.11 Għamlet riferenza għall-iskema tar-restawr ta' monumenti u siti storiċi. Qed isir tentattiv biex issir applikazzzjoni iżda qed isiru taħdidiet mal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari dwar l-għażla tas-sit. Hija pproponiet li l-għażla ssir wara d-diskussjonijiet u wara li tkun diskussa mal-Kunsillieri b'mod elettroniku. Il-Kunsill iżda qabel li ssir il-Kappella ta' San Gakbu minħabba ħsarat estensivi li fiha, tant li waslet biex taqa' biċċa mill-faċċata.

3.12 Ix-xogħol fuq Trejqet l-Iklin beda mingħajr ma' l-Kunsill kien infurmat. Barra minn hekk dan ix-xogħol beda mingħajr ma' kien għadu ħareġ il-permess minn TM.

3.13 Waslet stedina minngħand il-Kunsill tal-Ewropa għall-konferenza fi Strasburgu dwar it-12-il prinċipju ta' gvernanza demokratika tajba

(ELOGE). Din se ssir fit-28 u 29 ta' Ottubru. Apparti li l-Kunsill ikun imħarreġ iżjed fuq dawn il-prinċipji is-Sindku u SE qed ikunu mistiendna jagħtu l-esperjenza tagħhom dwar dan il-proġett. Il-Kunsillier Abela ppropna u l-Viċi Sindku ssekondah biex il-Kunsill iħallas għall-ispejjeż involuti.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet annessi f'B u Ċ rispettivament, flimkien ma' l-infiq mill-Petty Cash u s-servizz ta' manutenzjoni tal-ġonna annessi f' D u E rispettivament. Dan wara proponiment mill-Kunsillier Brincat u ssekondat mill-Viċi Sindku.

**6. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART**

6.1 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

**7. RAPPORTI TA' EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-MANUTENZJONI TAT-TOROQ**

7.1 Is-SE ppreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u ċioe li jintgħażel l-irħas offerent.

**8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

8.1 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**9. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U ILEMNTI**

9.1 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposta tal-Kunsillier Brincat, ssekondat mill-Kunsillier Spiteri

**10. MOZZJONI DWAR MISRAĦ IN-NUTAR ĠUŻI SPITERI**

10.1 Il-Kunsillier Spiteri qara din il-mozzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-mozzjoni. Kopja annessa ma' dawn il-minuti.

**11. PARTEĊIPAZZJONI FIL-PINK OCTOBER**

11.1 Is-SE ppreżenta din l-inzjattiva lill-Kunsill.

11.2 Fuq propniment tal-Viċi Sindku, il-Kunsill approva li din is-sena, l-Kunsill jixgħal il-funtana ta' fuq iz-zuntier tal-knisja.

**12. RIORGANIZZAZZJONI TA' ĠNIEN L-UE**

12.1 Il-Viċi Sindku spjega s-stwazzjoni tal-ġnien u l-problema li qed joħolqu madwar sitt siġar li kibru ħafna viċin ir-residenzi.

12.2 Huwa spjeġa li l-ġnien għadu fi stat tajjeb u għahekk m'hemmx għalfejn jinqala' l-ġnien kollu. Xi siġar se jitpoġġew post ieħor u dawn li ma' jistgħux jiċċaqalqu se jiġu mfarrka u jintużaw fuq il-post bħala mulch. Dan dejjem wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa.

12.3 Huwa kkonkluda li għal kull siġra li tinqala' jridu jiġu mħawwla 10 bħala kumpens.

12.4 Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**13. PROPOSTI MINN GREENMT U GREENPAK**

13.1 Is-SE informa lill-Kunsill li dawn il-proposti qiegħdin fir-rapport tal-Kumitat tal-Finanzi.

**14. SKEMA DWAR INIZJATTIVI DWAR TRASPORT SOSTENIBBLI**

14.1 Is-SE informa li kien tkellem mas-SE tal-Għargħur biex nidħlu għal din l-iskema bi sħab. Huwa ġie nfurmat li l-Għargħur ma' kienux interessati, minħabba li xtaqu japplikaw weħedhom.

14.2 Il-Kunsill qabel li japplika waħdu.

**15. ARBLU GĦALL-BANDIERA FID-DAĦLA TAN-NAXXAR**

15.1 Il-Kunsillier M Deguara informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol fuq in-naħa ta' isfel ta' Vjal il-Labour lest li jagħmel struttura għal arblu fi-rawndebawt fl-istess post. Il-Kunsill ikun irid jixtri l-arblu u l-bandiera u jieħu ħsiebhom.

15.2 Il-Viċi Sindku talab għal aktar informazzjoni, bħal prezz u l-għoli tal-arblu.

15.3 Il-Kunsillier M Deguara se jġib aktar dettalji.

**16. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

16.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19.30. Il-Laqgħa li jmiss se ssir fl-20 ta' Settembru fis-17.45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |